# ATTIVITAJIET




**Fil-Paradise Bay Resort Hotel**
**Il-Ħadd 6 ta' Mejju 2018**
**Dettalji aktar tard**
**Ċemplu 21413664 / 99885078**

(Nota: Dan il-lunch se jsir ġimgħa qabel Jum l-Omm li se jkun imfakkar il-Ħadd 13 ta' Mejju)

## RIŻULTAT TAL-LOTTERIJA GRANDJUŻA

| | | | |
|---|---|---|---|
| 1° | Premju: Karozza Ciroen C1 | B 285198 | Josepha Caruana (Msida) |
| 2° | Premju: 2 Biljetti tal-Ajru għal Ċipru | C 285375 | M R Dalmas (Msida) |
| 3° | Premju: 2 Biljetti tal-Ajru għal Slovenja | I 243771 | John Micallef (B'Kara) |
| 4° | Premju: Furla Diana Crossbody Handbag | I 244522 | Carmen Xuereb (Msida) |
| 5° | Premju: Ocean Washing Machine | N 133888 | Carmelo Camilleri (Tarxien) |
| 6° | Premju: Thomson 40" Television Full HD | C 311693 | Melvin Grech (Birżebbuġa) |
| 7° | Premju: 2 Iljieli għal 2 f'San Antonio Hotel | O 396102 | Glenn Garzia (Naxxar) |
| 8° | Premju: Sett ta' l-Ikel: Royal Tudor Ware | A 293878 | J Bellizzi (Żebbuġ) |
| 9° | Premju: Weekend għal 2 fil-Preluna Hotel | D 268826 | Marija Galea (Mġarr) |
| 10° | Premju: Camera Canon Powershot | B 313001 | Francesca Formosa (B'Kara) |
| 11° | Premju: Ġiżirana u brazzuletta tal-fidda | L 235816 | P Debono (Naxxar) |
| 12° | Premju: Ħadida tal-Mgħodija Imetec | G 350660 | E Fenech (Mellieħa) |
| 13° | Premju: Voucher ta' €50 għal nuċċali tax-xemx + Lunch għal 2 fil-Maritim Antonine Hotel | J 393992 | Anna Grech (Valletta) |
| 14° | Premju: Microwave Daewoo 20 L | I 387942 | Godfrey Borg (Żabbar) |
| 15° | Premju: Vacuum Cleaner Dirt Devil | B 312581 | Stefan Sant (Birżebbuġa) |
| 16° | Premju: Bagoll Carpisa + Pizza għal 2 fil-Maritime Antonine Hotel | B 311968 | Christopher Schembri (Żebbuġ) |
| 17° | Premju: Dinner għal 2 fil-Hotel Excelsior | D 382399 | J Caruana (G'Manġia) |

aqta` hawn

## SKEMA BENEFATTUR – SOSTENITUR

- ☐ €35 fis-sena – Biex tipprovdi kotba, pitazzi, uniformi eċċ għal tifel/tifla għal sena
- ☐ €35 fis-sena – Biex titma tifel/tifla għal sena
- ☐ €45 fis-sena – Biex timpjega katekista għal sena
- ☐ €55 fis-sena – Biex tipprovdi edukazzjoni għal sena
- ☐ €115 fis-sena – Biex timmedika pazjent tat-T.B.
- ☐ €235 fis-sena – Biex tmantni familja sħiħa għal sena
- ☐ €500 fis-sena – Biex jitħaffer bir għall-ilma

ISEM U KUNJOM: ..............................

..............................

INDIRIZZ: ..............................

..............................

..............................

TEL/MOB: ..............................

..............................

FIRMA: ..............................

Jiena nwiegħed is-somma ndikata minni hawn fuq kull sena u nitlob lill-Mission Fund biex tfakkarni nħallas billi tibgħatli nota


# IL-MISSJUNARJU

**NEWSPAPER POST** | Ħarġa Nru: 121 | Marzu – Mejju 2018




# FERRAĦNA U FERRĦUNA

Sa mill-1992 kull sena grupp ta' voluntiera tal-Mission Fund jagħmlu esperjenza missjunarja f'pajjiżi fejn qed iservu missjunarji Maltin u Għawdxin. Dawn il-voluntiera jgħinu sabiex jitwettqu proġetti li jkunu mitluba minn dawn il-missjunarji. Il-proġetti huma normalment marbuta mas-setturi tas-saħħa, edukazzjoni jew ambjent.

Bejn Jannar u Frar li għadda 14-il voluntier telqu lejn Bataan, fil-Filippini sabiex jagħtu l-għajnuna tagħhom lil Fr Joe Cremona MSSP. Fr Joe qed iservi bħala kappillan fil-Parroċċa ta' Santa Katerina ta' Lixandra li għandha popolazzjoni ta' madwar 12,000 persuna. Hemmhekk huwa bena ċentru ta' formazzjoni msemmi għal Mons Josè Depiro, il-fundatur tas-Soċjetà Missjunarja ta' San Pawl. Dan iċ-ċentru jilqa' fih numru ta' tfal u żgħażagħ sabiex jirċievu formazzjoni nisranija, kif ukoll jitgħallmu l-mużika mill-mużiċisti lokali u Maltin permezz tat-teknoloġija Skype. B'riżultat ta' dan, madwar 80 tfal u żgħażagħ ta' bejn 8 u 17-il sena iffurmaw orkestra li tpaxxi l-widnejn ta' kull min jismagħhom.

> ***Huma wrew l-apprezzament tagħhom għal dan il-ġest b'dik it-tbissima sinċiera***

Fl-okkażjoni tal-festa tan-Nawfraġju ta' San Pawl aħna ltqajna ma' numru ta' missjunarji Maltin li qed iservu fil-qrib u attendejna għaċ-ċelebrazzjoni tal-Ewkaristija. Kienet opportunità fejn qsamna l-esperjenzi tagħna ma' ħutna l-missjunarji li ħallew il-familjari tagħhom u saħansitra lill-art twelidhom meta laqgħu s-sejħa tal-Mulej sabiex ixandru l-Kelma t'Alla f'artijiet imbiegħda.

Waqt din l-esperjenza aħna żorna xi familji foqra u ferraħnihom billi tajnihom xi oġġetti tal-ikel. Huma wrew l-apprezzament tagħhom għal dan il-ġest b'dik it-tbissima sinċiera li ferrħet lil qalbna. Fil-fatt huma ferrħuna iżjed milli aħna ferraħnihom. Dawn in-nies għallmuna li tista' tgħix ħajja sempliċi u serena mingħajr l-ansjetà li ġġib magħha l-ħajja mgħaġġla tagħna.




**MISSION FUND**: 500, Eureka Court, Blokk A, Flat 6, Triq il-Kbira, Mosta MST 1018
*Ħinijiet tal-ftuħ*: Tnejn sal-Ġimgħa 9.00 a.m. - 1.00 p.m.
**Tel:** (+356) 21413664
**E-mail**: missionfund@global.net.mt
**Website**: www.missionfund.org.mt
**Facebook**: https://www.facebook.com/global.net.mt/
**Reg No: VO/0015**

# Il-Komunità tagħna f'Malindi

F'Najrobi aħna għandna dar ta' formazzjoni għat-tfajliet li jkollhom vokazzjoni għall-ħajja reliġjuża. Dawn it-tfajliet ikunu temmew l-iskola u jkunu ħassew lill-Mulej isejħilhom biex jimxu warajH. Aħna nippruvaw ngħinuhom f'dak kollu li jkollhom bżonn f'dan il-vjaġġ vokazzjonali tagħhom. Barra minn hekk aħna mmexxu ċentru għat-tfal foqra fejn nagħtuhom edukazzjoni bażika. F'nofsinhar dawn it-tfal nagħtuhom ikla sħuna li x'aktarx tkun l-unika ikla li jieħdu. Ħafna minn dawn it-tfal huma morda bl-HIV.

Wieħed mid-dmirijiet tiegħi bħala superjura hija li mmur inżur il-komunitajiet tal-kongregazzjoni tagħna. Barra mill-komunità tagħna f'Najrobi aħna għandna komunitajiet oħra f'Malindi, f'Kangari u fi Nguluni, kif ukoll tlett komunitajiet oħra fl-Etjopja. F'dawn iż-żjarat jien nipprova naqsam ma' ħuti s-sorijiet l-imħabba u l-għajnuna li jkun hemm bżonn.

Ftit ilu mort inżur il-komunità tagħna f'Malindi. Ilna naħdmu hemmhekk għal dawn l-aħħar erba' snin. Is-sorijiet tagħna jaħdmu f'post li jismu Kaembeni fejn għandhom skola primarja u klinika. In-nies t'hemmhekk huma foqra ħafna u la jħallsu l-miżata tal-iskola u l-anqas għall-mediċini li jieħdu mill-klinika. Ħafna mit-tfal li jattendu din l-iskola jiġu ħafjin għax m'għandhomx x'jilbsu f'riġlejhom. Huma jġibu zokk magħhom li l-biċċa l-kbir jsibu fit-triq huma u ġejjin l-iskola jew meta jkunu sejrin lura lejn id-dar. Meta jaslu l-iskola huma jpoġġu dawn l-izkuk fuq munzell tal-frieġħi niexfa ħdejn il-kċina tal-iskola biex il-koka li tgħin fil-kċina jkollha biżżejjed ħatab ħalli tkun tista' ssajjar l-ikla ta' nofsinhar. Trid tara lil dawn it-tfal ġejjin iġorru jew ikaxkru warajhom xi zokk żgħir jew kbir. Basta jkunu ġabu xi ħaġa biex hekk iħossuhom kburin li qed jgħinu l-iskola b'dak id-daqsxejn ta' zokk li jkunu sabu. Hekk iħossuhom li qed jagħtu l-kontribut tagħhom biex jitrejjqu flimkien ma' sħabhom li forsi jkunu ħallsu xi ħaġa żgħira tal-flus.

***Sr Josepha Gauci ilha sservi bħala missjunarja għal dawn l-aħħar 26 sena. Hija s-Superjura Reġjonali tas-Sorijiet Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesù għal Kenja u l-Etjopja.***









L-ikla ta' nofsinhar tikkonsisti f'daqsxejn fażola u qamħirrun. Barra minn hekk għall-ħabta tal-għaxra ta' filgħodu lit-tfal nagħtuhom daqsxejn polenta magħmula mill-qamħirrun imħallat mal-qarabott midħunin u msajjra fuq iz-zkuk li jkunu ġabu t-tfal. Kemm jieħdu gost jieħdu b'dan il-porridge tant li fl-aħħar ilaqqtu sewwa l-kikkra biex żgur ma jħallu fiha l-ebda naqra!

Ħaġa li nnutajt hi li t-tfal foqra huma kuntentissmi għaliex minkejja l-faqar tagħhom huma dejjem għandhom dik it-tbissima fuq fommhom li mhux dejjem issibha fi tfal oħrajn li ma jonqoshom xejn. Huma kuntenti b'dak kollu li jirċievu anke l-iċken karamella.



***L-ikla ta'nofsinhar tikkonsisti f'daqsxejn fażola u qamħirrun***

Tassew li din iż-żjara f'Malindi ħalliet fija effett pożittiv dwar il-ħidma tal-erba' sorijiet minn tagħna li qed iwettqu din il-ħidma missjunarja ma' dawn it-tfal foqra. Napprezza ħafna mhux biss ix-xogħol tagħhom ma' dawn it-tfal, iżda fuq kollox għall-fatt li bħala persuni kkonsagrati huma taw lilhom infushom lil Alla f'servizz favur il-foqra.

Nixtieq nirringrazzja minn qalbi lil Mission Fund u l-benefatturi kollha tas-sapport kontinwu mhux biss finanzjarju iżda wkoll tat-talb li inthom tagħmlu għalina. Inwegħdkom ukoll minn naħa tiegħi li nitlob għalikom u għall-familji tagħkom kif ukoll għal dawk li ħallew din id-dinja biex igawdu l-ħlas tagħhom mingħand il-Mulej. Jalla l-Mulej iħallaskom bil-mija fil-wieħed għall-ġenerożità tagħkom.

*Sr Josepha Gauci*

*Soru Franġiskana tal-Qalb ta' Ġesù*

